MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru 20/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Miruzzi)**

**v.**

**Kenneth Ellul”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler tas-6 ta’ Settembru 2011 li biha ghamel denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Kenneth Ellul naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu, naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga, u waqaf milli jzomm kuntatt mac-centru tad-Detox;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imsemmi Kenneth Ellul hati tar-reat addebitat lilu, u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Gunju 2009 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u tqieghed taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin

**3.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler fid-29 ta' Settembru 2011, fis-7 ta' Dicembru 2011 u fl-20 ta' Jannar 2012; rat in-nota tieghu pprezentata fis-26 ta' Marzu 2012; ikkunsidrat:

**4.** Mix-xiehda li l-ufficjal tal-*probation* ta fid-29 ta' Settembru 2011 jirrizulta li l-*probationer* naqas milli jattendi erba' minn sitt appuntamenti li nghata kif ukoll naqas milli jibda l-proceduri mehtiega sabiex jibda l-preparamenti biex jibda program rijabilitattiv mill-vizzju tad-droga. Naqas milli jaghmel kuntatt ma' rapprezentant tal-CARITAS biex jesplora l-possibilita` li jaghmel *evening programme*. Anke naqas milli jaghmel kuntatt mad-Dottoressa Vella fid-Detox mill-25 ta' Marzu 2011. L-ufficjal tal-*probation* qal li jaf li missier il-*probationer* ghandu marda terminali u l-*probationer* jiehu hsiebu. Qal ukoll li f'appuntament minnhom talab lill-*probationer* kampjun ta' l-urina u pprova izda ma halla l-ebda kampjun. Fis-7 ta' Dicembru 2011 l-ufficjal tal-*probation*

qal li s-sitwazzjoni nbidlet drastikament ghall-ahjar. Il-*probationer* attenda l-appuntamenti kollha, zewg kampjuni ta' l-urina taw rizultat negattiv, u fl-20 ta' Ottubru 2011 beda l-kuntatt mal-CARITAS u tqabbad *community worker* sabiex isegwieh u jidher li l-*probationer* attenda l-CARITAS regolarment. Inoltre beda jahdem ma' kumpanija li tiehu hsieb il-*fish farms*. Barra minn hekk ghamel kuntatt ma' Dr. Vella fid-Detox. Fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2012 l-ufficjal tal-*probation* qal li l-*probationer* attenda l-appuntamenti kollha kemm fl-ufficcju tal-*probation* kif ukoll ghand il-CARITAS. Kampjun ta' l-urina li ttiehed fl-ufficcju tal-CARITAS f'Dicembru rrizulta fin-negattiv filwaqt illi dak li ttiehed fl-ufficcju tal-*probation* fid-19 ta' Jannar 2012 irrizulta pozittiv ghall-cannabis. Il-*probationer* irribatta dan ir-rizultat u qal li seta' kien fil-vicinanzi ta' persuni li kienu qeghdin jabbuzaw mill-cannabis. L-ufficjal tal-*probation* qal li vverifika mal-*key worker* tal-CARITAS jekk dan huwiex possibbli u gie kkonfermat lilu li dan huwa possibbli li jigri. Qal, pero`, li l-*probationer* naqas milli jzomm appuntament ma' Dr. Vella.

**5.** Permezz ta' nota tas-26 ta' Marzu 2012, l-ufficjal tal-*probation* irrapporta dwar l-andament tal-*probationer* minn Jannar. Qal li l-ahhar appuntament li attenda mal-CARITAS kien fid-19 ta' Jannar 2012. Mill-banda l-ohra waqqaf il-medicina suboxone li hija sostitut ghall-methadone. Attenda appuntament ma' Dr. Vella fid-Detox fit-23 ta' Marzu 2012 u test ta' l-urina rrizulta negattiv. Gie deciz minn Dr. Vella li ghalhekk il-*probationer* seta' ghalissa jieqaf milli jattendi d-Detox. L-ahhar rizultat ta' urina fl-ufficcju tal-*probation* fit-22 ta' Frar 2012 ukoll irrizulta fin-negattiv. Il-*probationer* ghadu impjegat ma' kumpanija tal-*fish farms* u jahdem hinijiet twal izda jsostni li huwa kuntent. L-appuntamenti gewwa l-ufficcju tal-*probation* zammhom kollha u l-pjan hu li filwaqt li jikkonsolida l-progress li diga` ghamel fir-rijabilitazzjoni tieghu, huwa jkompli jattendi ghall-appuntamenti mal-*community worker* tieghu Jesmond Xuereb b'mod aktar regolari.

**6.** Kollox ma' kollox, mela, jidher illi gie registrat progress sostanzjali mill-*probationer*. Kif qal l-ufficjal tal-*probation*

dan il-progress irid jigi konsolidat. Din il-Qorti taqbel li kieku kellha f'dan l-istadju tiddisturba dak il-progress b'mizuri differenti li jistghu wkoll jinvolvu perijodu ta' prigunerija, dan ikun ta' detriment ghall-konsolidazzjoni mixtieqa. Ghalhekk huwa l-kaz illi l-ordni ta' *probation* vigenti jibqa' fis-sehh sat-tmiem tieghu, u cioe` sas-7 ta' Novembru 2013. Din il-Qorti ma tistax, pero`, ma twissix lill-*probationer* illi jekk ma jibqax ghaddej fit-triq it-tajba u allura tkun mehtiega li ssir denunzja ohra, din il-Qorti ma jkollhiex imbaghad triq ohra hlief li tapplika r-riguri kollha tal-ligi.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mid-denunzja billi tikkonferma fl-intier l-ordni ta' *probation* maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2010 bil-kondizzjonijiet kollha kif elenkati fl-istess ordni, filwaqt illi ghan-nuqqasijiet li taw lok ghad-denunzja u wara li rat l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah hamsin euro (€50) *ammenda*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------